

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...  
C

Abbozz

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

**ta' [...]**

**li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-kwalifiki tal-ekwipaġġ tal-kabina li jkun involut f'operazzjonijiet kummerċjali u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-persunal tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Abbozz

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

**ta' [...]**

**li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-kwalifiki tal-ekwipaġġ tal-kabina li jkun involut f'operazzjonijiet kummerċjali u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-persunal tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu l-għan li jistabbilixxi u li jżomm livell uniformi għoli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa. Dak ir-Regolament jipprovi għall-mezzi sabiex jinkiseb dak l-għan kif ukoll għanijiet oħrajn fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili.
- (2) L-ekwipaġġ tal-kabina involut fl-operat ta' ċerti inġenji tal-ajru għandu jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Skont dak ir-Regolament, l-ekwipaġġ tal-kabina għandu jkun kontinwament b'saħħtu u kompetenti sabiex jeżerċita l-kompiti li jkunu ġew assenjati lilu; dawk involuti f'titjiriet kummerċjali għandu jkollhom attestazzjoni kif stabbilita inizjalment fl-Anness III, is-Subparti O, il-punt (d) tal-OPS 1 1005 kif stabbilit fir-Regolament (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili<sup>2</sup>.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-ħruġ ta' liċenzji lill-bdoti, il-kwalifika tal-ekwipaġġ tal-kabina kif ukoll għall-valutazzjoni tal-adegwatezza medika tagħhom. Ir-Regolament (UE) Nru. .../.. jistabbilixxi dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-aspetti relatati mal-kwalifika u l-attezzjoni relatata tal-ekwipaġġ tal-

<sup>1</sup> ĠU L 79, it-13.3.2008, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 373, il-31.12.1991, p. 4. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 (ĠU L 240, is-7.9.2002, p. 1).

kabina. Dan ir-Regolament għalhekk jemenda r-Regolament (UE) Nru. .../... sabiex jinkludi dawn l-aspetti partikolari.

- (4) Huwa meħtieġ li jkun hemm żmien biżżejjed biex kemm l-industrija ajrunawtika kif ukoll l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri ikunu jistgħu jadattaw għal dan il-qafas ġdid u sabiex jirrikonoxxu taħt ċerti kundizzjonijiet il-validità tal-attestazzjonijiet ta' taħriġ tas-sikurezza maħruġa lill-ekwipaġġ tal-kabina qabel ma jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.
- (5) Sabiex tiġi assigurata tranżizzjoni bla skossi kif ukoll livell uniformi għoli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni, il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jirriflettu livell għoli, inklużi l-aħjar prattiki, kif ukoll il-progress xjentifiku u tekniku fil-qasam tat-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-ajru. Għaldaqstant, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi miftiehma bejn l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-“ICAO”) u l-Awtoritajiet Konġunti Ewropej tal-Avjazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2009, kif ukoll il-liġijiet fis-seħħ li jikkonċernaw ambjent nazzjonali speċifiku, għandhom il-koll jiġu kkunsidrati.
- (6) Il-miżuri speċifikati fl-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 għall-attestazzjoni tat-taħriġ tas-sikurezza tal-ekwipaġġ tal-kabina qed jiġu revokati skont l-Artikolu 69(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Il-miżuri adottati b'dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala l-miżuri korrespondenti.
- (7) L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn aktar 'il quddiem imsejħa “l-Aġenzija”) ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ssottimettiehom bħala opinjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, għandu jiżdied il-punt li ġej:

“6. Il-kundizzjonijiet sabiex jinħarġu, jinżammu, jiġu emendati, jiġu ristretti, jiġu sospiżi jew jiġu revokati l-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif ukoll il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina.”

2. Fl-Artikolu 2, għandu jiżdied il-punt li ġej:

“(11) ‘Membru tal-ekwipaġġ tal-kabina’ tfisser membru tal-ekwipaġġ ikkwalifikat kif xieraq, għajr l-ekwipaġġ tat-titjira jew membru tal-ekwipaġġ tekniku, li jkun assenjat minn operator biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu relatati mas-sikurezza tal-passiġġieri u t-titjira matul it-titjiriet.”

3. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

***Il-kwalifika tal-ekwipaġġ tal-kabina u attestazzjonijiet relatati***

1. Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina, involuti fl-operazzjoni kummerċjali ta’ inġejnu tal-ajru kif imsemmi fl-Artikolu (1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandhom ikunu kkwalifikati u jkollhom l-attestazzjoni relatata skont ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Anness V.
2. Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina li jkollhom, meta japplika dan ir-Regolament, attestazzjoni ta’ taħriġ fis-sikurezza maħruġa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91<sup>3</sup> (minn hawn aktar ’il quddiem imsejjaħ l-EU-OPS):
  - (a) dawn għandhom jitqiesu bħala konformi ma’ dan ir-Regolament jekk ikunu konformi mat-taħriġ applikabbli, mal-verifika u mar-rekwiżiti tar-reċentezza tal-EU-OPS; jew
  - (b) jekk ma jkunux konformi mat-taħriġ applikabbli, il-verifika u r-rekwiżiti tar-reċentezza tal-EU-OPS, dawn għandhom jagħmlu t-taħriġ meħtieġ kollu kif ukoll il-verifika qabel ma jitqiesu bħala konformi ma’ dan ir-Regolament; jew
  - (ċ) jekk ma jkunux operaw titjiriet kummerċjali għal iktar minn 5 snin, dawn għandhom itemmu l-kors ta’ taħriġ tal-bidu u għandhom jgħaddu mill-eżami relatat kif meħtieġ fl-Anness V qabel ma jiġu kkunsidrati bħala konformi ma’ dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri għandhom jissottitwixxu l-attestazzjonijiet tat-taħriġ tas-sikurezza maħruġa skont l-EU-OPS mal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina fil-format stabbilit fil-Parti-AR sa mhux aktar mit-8 ta’ April 2017.
4. Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina involuti f’titjiriet kummerċjali bil-ħelikopters meta japplika dan ir-Regolament:
  - (a) għandhom jiġu kkunsidrati bħala konformi mar-rekwiżiti tat-taħriġ tal-bidu tal-Anness V jekk dawn ikunu konformi mat-taħriġ applikabbli, il-verifika u d-dispożizzjonijiet tar-reċentezza tar-Rekwiżiti Konġunti tal-Avjazzjoni għat-trasport kummerċjali bl-ajru bil-ħelikopters; jew
  - (b) jekk dawn ma jkunux konformi mat-taħriġ applikabbli, il-verifika u r-rekwiżiti tar-reċentezza, dawn għandhom itemmu t-taħriġ rilevanti kollu kif ukoll il-verifika meħtieġa biex itajru ħelikopters, ħliet għat-taħriġ tal-bidu, qabel ma jkunu kkunsidrati bħala konformi ma’ dan ir-Regolament; jew
  - (ċ) jekk dawn ma jkunux operaw titjiriet kummerċjali bil-ħelikopters għal iktar minn 5 snin, dawn għandhom itemmu l-kors tat-taħriġ tal-bidu u għandhom jgħaddu mill-eżami relatat kif meħtieġ fl-Anness V qabel ma jkunu kkunsidrati bħala konformi ma’ dan ir-Regolament.
5. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina fil-format stabbilit fil-Parti-AR għall-membri kollha tal-ekwipaġġ tal-kabina li

---

<sup>3</sup> ĠU L 373, il-31.12.1991, p. 4-8.

jkunu involuti f'titjiriet kummerċjali bil-ħelikopters sa mhux aktar tard mit-8 ta' April 2013.

4. Qiegħed jiddaħħal Anness V ġdid kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament qed ikun imdaħħal.

#### *Artikolu 2*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.  
Dan għandu jibda japplika mit-8 ta' April 2012.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu CC.GEN.030 (*Dokumenti u żamma tar-rekords*) tal-Anness V sat-8 ta' April 2014.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina involuti f'titjiriet kummerċjali bil-ħelikopters sat-8 ta' April 2014.
4. Meta Stat Membru jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 jew 3, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. Din in-notifika għandha tiddekrivi r-raġunijiet għal tali deroga kif ukoll il-programm għall-implimentazzjoni li jkun jinkludi l-azzjonijiet previsti u ż-żmien relatat.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kummissjoni*

*[...]*

*Il-President*

## ANNEX V

### Il-kwalifiki tal-ekwipaġġ tal-kabina involuti f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru

#### [PARTI-CC]

#### SUBPARTI ĠEN – REKWIŻITI ĠENERALI

##### **CC.GEN.001 Awtorità kompetenti**

Għall-finijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti għandha tkun l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn persuna tapplika sabiex tinħarġilha attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina.

##### **CC.GEN.005 Ambitu**

Din il-Parti tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-validità u l-użu tagħhom mid-detenturi tagħhom.

##### **CC.GEN.015 Applikazzjoni għal attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina**

L-applikazzjoni għal attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina għandha ssir fil-forma u l-manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

##### **CC.GEN.020 Età minima**

L-applikant għal attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina irid ikollu minn tal-inqas 18-il sena.

##### **CC.GEN.025 Privileġġi u kundizzjonijiet**

- (a) Il-privileġġi tad-detenturi ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina huma sabiex dawn jaġixxu bħala membri tal-ekwipaġġ tal-kabina f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru bl-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (b) Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina jistgħu jeżerċitaw il-privileġġi speċifikati f'(a) biss jekk dawn:
  - (1) ikollhom attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina valida kif speċifikat f'CC.CCA.105; u
  - (2) ikunu konformi ma' CC.GEN.030, CC.TRA.225 u mar-rekwiżiti applikabbli tal-Parti-MED.

##### **CC.GEN.030 Dokumenti u żamma tar-rekords**

- (a) Biex juri l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kif speċifikat f'CC.GEN.025(b), kull detentur għandu jżomm, u jipprova meta jkun mitlub, ir-rekords tat-taħriġ u l-verifika għat-tip ta' inġenju tal-ajru tiegħu/tagħha jew kwalifika(i) simili, sakemm l-operatur li jħaddem is-servizzi tiegħu/tagħha jżomm tali rekords u jkun jista' jagħmilhom disponibbli mill-ewwel meta ssir talba għalihom minn awtorità jew mid-detentur.
- (b) Meta jkunu qed jeżerċitaw il-privileġġi assoċjati, id-detenturi għandhom iġorru l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina tagħhom kif ukoll il-lista tat-tip ta' inġenji tal-ajru tagħhom jew kwalifika(i) oħrajn li jiġu fornuti mill-operatur(i) li jħaddem is-servizzi tagħhom.

## **SUBPARTI CCA – REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-ATTESTAZZJONI TAL-EKWIPAĠĠ TAL-KABINA**

### **CC.CCA.100 Hurġ tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina**

- (a) L-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom jinħarġu biss lill-applikanti li jkunu għaddew mill-eżami wara li jkunu temmew il-kors ta' taħriġ tal-bidu skont din il-Parti.
- (b) L-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom jinħarġu skont l-AR.CC.200:
  - (1) mill-awtorità kompetenti; jew
  - (2) minn organizzazzjoni approvata biex tagħmel dan mill-awtorità kompetenti.

### **CC.CCA.105 Validità tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina**

L-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina għandha tinħareġ għal perjodu mhux limitat u għandha tibqa' valida sakemm:

- (a) din tiġi sospiża jew revokata mill-awtorità kompetenti; jew
- (b) id-detentur tagħha ma jkunx eżerċita l-privileġġi assoċjati matul is-60 xahar ta' qabel fuq minn tal-inqas tip wieħed ta' inġenju tal-ajru.

### **CC.CCA.110 Sospensjoni u revoka tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina**

- (a) Jekk id-detenturi ma jkunux konformi ma' din il-Parti, l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina tagħhom tista' tiġi sospiża jew revokata mill-awtorità kompetenti skont AR.GEN.355.
- (b) F'każ ta' sospensjoni jew revoka tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina tagħhom mill-awtorità kompetenti, id-detenturi għandhom:
  - (1) jiġu infurmati bil-miktub dwar din id-deċiżjoni, u dwar id-dritt tagħhom għall-appell skont il-liġi nazzjonali;
  - (2) ma jeżerċitawx il-privileġġi mogħtija lilhom permezz tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina;
  - (3) jinfirmaw, mingħajr dewmien żejjed, lill-operatur(i) tagħhom li jkunu qed iħaddmu s-servizzi tagħhom; u
  - (4) jirritornaw l-attestazzjoni tagħhom skont il-proċedura applikabbli stabbilita mill-awtorità kompetenti.

## **SUBPARTI TRA – REKWIŻITI TA' TAĤRIĠ GĦALL-APPLIKANTI U D-DETENTURI TAL-ATTESTAZZJONI TAL-EKWIPAĠĠ TAL-KABINA**

### **CC.TRA.215 Dispożizzjoni ta' taħriġ**

It-taħriġ f' din il-Parti għandu:

- (a) jiġi pprovdut mill-organizzazzjonijiet tat-taħriġ jew minn operaturi tat-trasport kummerċjali bl-ajru li jkunu approvati biex jagħmlu dan mill-awtorità kompetenti skont AR.CC.200;
- (b) isir minn persunal ikkwalifikat kif xieraq għall-elementi tat-taħriġ li jridu jkunu koperti; u
- (c) jitmexxa skont programm ta' taħriġ u sillabu dokumentat bl-approvazzjoni tal-organizzazzjoni.



## **CC.TRA.220 Il-kors ta' taħriġ tal-bidu u eżami**

- (a) L-applikanti għal attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom itemmu kors ta' taħriġ tal-bidu biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ambjent tal-avjazzjoni u sabiex jiksbu għarfien ġenerali biżżejjed kif ukoll profiċjenza bażika li jkunu meħtieġa biex huma jwettqu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom relatati mas-sikurezza tal-passiġġieri u t-titjira matul titjiriet normali, mhux normali u ta' emerġenza.
- (b) Il-programm tal-kors ta' taħriġ bażiku għandu jkopri minn tal-inqas l-elementi speċifikati fl-Appendiċi 1 għal din il-Parti. Dan għandu jinkludi taħriġ teoretiku u prattiku.
- (ċ) L-applikanti għal attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina jridu jagħmlu eżami li jkopri l-elementi kollha tal-programm ta' taħriġ speċifikat f'(b), ħlief it-taħriġ CRM, sabiex juru li huma kisbu l-livell ta' għarfien u profiċjenza meħtieġa f'(a).

## **CC.TRA.225 Kwalifika(i) għat-tip ta' inġenju tal-ajru jew kwalifika(i) simili**

- (a) Id-detenturi ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina valida għandhom jaħdmu biss fuq inġenju tal-ajru jekk huma jkunu kkwalifikati skont ir-rekwiżiti applikabbli tal-Parti-CAT.
- (b) Biex ikun ikkwalifikat għal tipi ta' inġenju tal-ajru jew varjant, id-detentur:
  - (1) għandu jkun konformi mat-taħriġ applikabbli, il-verifika u r-rekwiżiti tal-validità, li li jkunu rilevanti għall-inġenju tal-ajru li jrid jiġi operat:
    - (i) taħriġ speċifiku għat-tip ta' inġenju tal-ajru, taħriġ ta' konverżjoni tal-operatur; u familjarizzazzjoni;
    - (ii) taħriġ tad-differenzi;
    - (iii) taħriġ rikorrenti; u
  - (2) għandu jkun ħa-dem matul is-6 xhur ta' qabel abbord it-tip ta' inġenju tal-ajru, jew ikun temm it-taħriġ ta' aġġornament rilevanti u l-verifika qabel ma jerġa' jibda jaħdem fuq dak it-tip ta' inġenju tal-ajru.

### **Appendiċi 1 għall-Parti-CC**

#### **Kors ta' taħriġ tal-bidu u eżami**

##### **PROGRAMM TA' TAħRIĠ**

Il-programm ta' taħriġ tal-kors ta' taħriġ tal-bidu għandu jinkludi minn tal-inqas dawn li ġejjin:

1. *Għarfien teoretiku ġenerali tal-avjazzjoni u tar-regolamenti dwar l-avjazzjoni li jkopru l-elementi kollha rilevanti għad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet meħtieġa mill-ekwipaġġ tal-kabina:*
  - 1.1. għarfien ġenerali tat-terminoloġija tal-avjazzjoni rilevanti, it-teorija tal-avjazzjoni, distibuzzjoni tal-passiġġieri, oqsma ta' operat, meterjoloġija u l-effetti tal-kontaminazzjoni tal-wiċċ;
  - 1.2. ir-regoli tal-avjazzjoni rilevanti għall-ekwipaġġ tal-kabina u l-irwol tal-awtorità kompetenti;
  - 1.3. id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-ekwipaġġ tal-kabina matul it-titjiriet u l-ħtieġa li dawn jirreaġixxu fil-pront u b'mod effettiv għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

- 1.4 kompetenza u adegwatezza ssuktata biex jaħdem bħala membru tal-ekwipaġġ tal-kabina, inkluż dwar il-ħin tat-titjira u l-ħin ta' kemm dan idum jaħdem kif ukoll ir-rekwiżiti tal-mistrieħ;
- 1.5 l-importanza li jiġi żgurat li d-dokumenti u l-manwali rilevanti jinżammu aġġornati, bl-emendi jiġu fornuti mill-operatur skont kif applikabbli;
- 1.6 l-importanza li l-ekwipaġġ tal-kabina jwettaq id-dmirijiet tiegħu skont il-manwal tal-operat tal-operatur;
- 1.7 l-importanza tal-informazzjoni minn qabel lill-ekwipaġġ tal-kabina u l-ġħoti ta' informazzjoni ta' sikurezza meħtieġa rigward id-dmirijiet speċifiċi tagħhom; u
- 1.8 l-importanza biex ikun identifikat meta l-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina jkollhom l-awtorità u r-responsabbiltà li jagħtu bidu għal proċeduri ta' evakwazzjoni u ta' emerġenza oħrajn.

2. *Komunikazzjoni:*

Matul it-taħriġ, għandu jsir enfasi dwar l-importanza ta' komunikazzjoni effettiva bejn l-ekwipaġġ tal-kabina u l-ekwipaġġ tat-titjira, inkluż tekniki ta' komunikazzjoni, lingwa u terminoloġija komuni.

3. *Kors introdutturju dwar il-fatturi umani (HF) fl-avjazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ekwipaġġ (CRM)*

Il-kors għandu jsir minn mill-inqas għalliema CRM wieħed tal-ekwipaġġ tal-kabina. L-elementi tat-taħriġ għandhom jiġu koperti fid-dettall u għandhom jinkludu minn tal-inqas dawn li ġejjin:

- 3.1. *Ġenerali:* fatturi umani fl-avjazzjoni, struzzjonijiet ġenerali dwar il-prinċipji u l-ġħanijiet tal-CRM, prestazzjoni umana u limitazzjonijiet;
- 3.2. *Rilevanti għall-membru individwali tal-ekwipaġġ tal-kabina:* għarfien dwar il-personalità, żbalji umani u affidabilità, attitudnijiet u mġiba, awtovalutazzjoni; l-istress u t-trattament tal-istress; nġhas u dixxiplina; asserzjoni; għarfien dwar is-sitwazzjoni, l-akkwist u l-ipproċessar ta' informazzjoni.

4. *Trattament tal-passiġġieri u s-sorveljanza tal-kabina:*

- 4.1 l-importanza tal-allokazzjoni korretta tas-siġġijiet b'referenza għall-massa u l-bilanċ tal-ajruplan, kategoriji speċjali ta' passiġġieri u l-ħtieġa li passiġġieri mingħajr diżabbiltà jitpoġġew ħdejn il-bibien tal-ħruġ li ma jkunux sorveljati;
- 4.2 regoli li jkopru l-istivar bla periklu tal-bagalji tal-kabina u oġġetti ta' servizz tal-kabina u r-riskju li dawn jistgħu jsiru perikolużi għall-okkupanti tal-kompartiment tal-passiġġiera jew inkella jingumbraw jew jagħmlu ħsara lit-tagħmir jew lill-ħruġ tal-emerġenza;
- 4.3 parir dwar l-għarfien u l-ġestjoni tal-passiġġieri li jkunu, jew li jsiru, taħt l-effett tal-alkoħol jew taħt l-influenza ta' drogi jew li huma aggressivi;
- 4.4 il-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu meta jinġarru annimali haġġin fil-kompartiment tal-passiġġieri;
- 4.5 id-dmirijiet li jridu jittieħdu f'każ ta' turbulenza, inkluż li l-kompartiment tal-passiġġieri jkun bla periklu; u
- 4.6 il-metodi użati għall-motivazzjoni tal-passiġġieri u l-kontroll tal-folla meħtieġa biex titħaffef evakwazzjoni ta' emerġenza.

5. *Aspetti ajrumediċi u tal-ewwel għajnuna:*
- 5.1 struzzjoni ġenerali dwar aspetti ajrumediċi u sopravivenza;
  - 5.2 l-effetti fiżjoloġiċi tat-titjir b'enfasi partikolari fuq l-ipossija u r-rekwiżiti tal-ossiġenu;
  - 5.3 l-ewwel għajnuna bażika, inkluż il-kura ta':
    - a. mard tal-ajru;
    - b. l-iperventilazzjoni;
    - ċ. ħruq;
    - d. ġrieħi;
    - e. meta persuna tintilef minn sensiha; u
    - f. ksur u ġrieħi f'tessuti rotob;
  - 5.4 emerġenzi mediċi matul it-titjira u l-ewwel għajnuna assoċjata li tkopri minn tal-inqas:
    - a. ażżma;
    - b. stress u reazzjonijiet ta' allerġija;
    - ċ. xokk;
    - d. dijabete;
    - e. fgar;
    - f. epilessija;
    - g. twelid ta' tarbija;
    - h. puplesija; u
    - i. attakk tal-qalb;
  - 5.5 l-użu ta' tagħmir xieraq inkluż l-ossiġenu tal-ewwel għajnuna, settijiet tal-ewwel għajnuna u settijiet mediċi ta' emerġenza u l-kontenuti tagħhom;
  - 5.6 taħriġ prattiku fir-risuxxittazzjoni kardjopulmonari minn kull membru tal-ekwipaġġ tal-kabina, bl-użu ta' pupu ddiżinjat apposta u billi jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tal-ambjent tal-inġenju tal-ajru; u
  - 5.7 is-saħħa u l-iġjene fl-ivvjaġġar, inkluż:
    - a. l-iġjene abbord;
    - b. ir-riskju ta' kuntatt ma' mard infettiv u l-mezzi biex jitnaqqsu tali riskji;
    - ċ. il-ġestjoni ta' skart kliniku;
    - d. id-diżinfettar tal-inġenju tal-ajru;
    - e. l-indirizzar ta' mewt abbord; u
    - f. il-ġestjoni tal-viġilanza, l-effetti fiżjoloġiċi tal-għejja, il-fiżjoloġija tal-irqad, ir-ritmu kirkadjan u t-tibdil fiż-żoni tal-ħin.
6. *Oġġetti perikolużi:*
- 6.1 prinċipji ġenerali,
  - 6.2 l-importanza tal-proċeduri u r-rappurtar; u

- 6.3 imballaġġ u limitazzjonijiet applikabbli.
7. *Aspetti ta' sikurezza ġenerali fl-avjazzjoni, inkluż għarfien dwar id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 300/2008.*
8. *Taħriġ kontra nirien u d-duħħan:*
- 8.1 enfasi fuq ir-responsabbiltà tal-ekwipaġġ tal-kabina sabiex jindirizza fil-pront emerġenzi li jinvolvu nirien u duħħan u, b'mod partikolari, enfasi fuq l-importanza li jiġi identifikat is-sors attwali tan-nar;
- 8.2 l-importanza li l-ekwipaġġ tal-kabina jiġi infurmat mill-ewwel, kif ukoll l-azzjonijiet speċifiċi meħtieġa għall-koordinazzjoni u l-għajjnuna, meta jinstab li hemm nar jew duħħan;
- 8.3 il-ħtieġa għal kontrolli frekwenti f'żoni li għandhom potenzjal ta' riskju ta' ħruq inkluż *toilets*, u d-ditekters tad-duħħan assoċjati;
- 8.4 il-klassifikazzjoni tal-ħruq u t-tip adegwat ta' aġenti tat-tifi tan-nar u l-proċeduri għal sitwazzjonijiet partikolari ta' ħruq, it-tekniki biex jiġu applikati aġenti tat-tifi tan-nar, il-konsegwenzi ta' applikazzjonijiet ħżiena, u l-użu fi spazju ristrett; u
- 8.5 il-proċeduri ġenerali ta' servizzi ta' emerġenza fuq l-art ġewwa l-ajrudromi.
9. *Taħriġ tas-sopravivenza:*
- 9.1 taħriġ tas-sopravivenza fuq l-art, inkluż ambjenti ostili (pereżempju polari, deżert jew ġungla);
- 9.2 taħriġ tas-sopravivenza fl-ilma, inkluż kif jintlibes u jintuża t-tagħmir personali biex persuna tibqa' f'wiċċ l-ilma kif ukoll l-użu ta' ċattri tas-salvataġġ jew tagħmir simili, kif ukoll prattika attwali fl-ilma.